



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.9.2016
COM(2016) 553 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/21/KE dwar l-immaniġġar ta' skart mill-
industriji ta' estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE**

1. INTRODUZZJONI

L-iskart li joriġina mill-industriji tal-qtugħ mill-barrieri u tat-tħaffir fil-minjieri jikkostitwixxi proporzjon kbir ħafna tal-volum totali tal-iskart prodott fl-Unjoni Ewropea (madwar 30 % fl-2012, ara t-tabella annessa ma' dan ir-rapport). L-immaniġġjar ħażin ta' dan l-iskart jista' jkollu effetti detrimentali fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent u jista' jwassal għal inċidenti serji.

Id-Direttiva 2006/21/KE dwar l-immaniġġjar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni¹ (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva") għandha l-għan li tipprevjeni jew tnaqqas kemm jista' jkun kwalunkwe effetti avversi fuq l-ambjent, b'mod partikolari fuq l-ilma, l-arja, il-ħamrija, il-fawna u l-flora u l-pajsaġġ, u kwalunkwe riskju li jirriżulta għas-saħħa tal-bniedem, li jkun riżultat tal-immaniġġjar tal-iskart mill-industriji ta' estrazzjoni. Id-Direttiva tkopri l-immaniġġjar tal-iskart li jirriżulta direttament mill-ipprospettar, l-estrazzjoni, it-trattament u l-ħżin ta' riżorsi minerali u mill-qtugħ mill-barrieri.

Waqt iż-żewġ perjodi konsekuttivi koperti minn dan ir-rapport (l-1 ta' Mejju 2008 sat-30 ta' April 2011 u l-1 ta' Mejju 2011 sat-30 ta' April 2014), l-Istati Membri kienu meħtieġa jdaħħlu fis-seħħ u jimplimentaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Id-Direttiva kellha tiġi trasposta sal-1 Mejju 2008. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni żvelat bosta każijiet fejn id-Direttiva kienet ġiet trasposta b'mod skorrett jew parzjalment biss. Il-Kummissjoni fetħet tnejn u għoxrin inkjesta formali. Attwalment hemm erba' proċedimenti legali miftuħin relatati man-nuqqas ta' konformità².

Skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva, il-Kummissjoni adottat deċiżjonijiet li jipprovdu gwida dwar ċerti aspetti tad-Direttiva jew l-interpretazzjoni tagħhom, jew ikomplu jlaboraw l-aspetti tekniċi³. L-iżvilupp tal-linji gwida tekniċi għall-ispezzjonijiet għad irid jitlesta.

¹ ĠU L 102, 11.4.2006, p. 15.

² Il-Bulgarija, id-Danimarka, Franza u r-Renju Unit.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/358/KE tad-29 ta' April 2009 dwar l-armonizzazzjoni, it-trażmissjoni regolari tat-tagħrif u l-kwestjonarju msemmija fl-Artikoli 22(1)(a) u 18 tad-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tal-iskart mill-industriji tal-estrazzjoni (ĠU L 110, 1.5.2009, p. 39).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/335/KE tal-20 ta' April 2009 dwar il-linji gwida tekniċi għall-istabbiliment tal-garanzija finanzjarja skont id-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immaniġġjar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni (ĠU L 101, 21.4.2009, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/337/KE tal-20 ta' April 2009 dwar id-definizzjoni tal-kriterji għall-klassifikazzjoni ta' faċilitajiet tal-iskart skont l-Anness III għad-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immaniġġjar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni (ĠU L 102, 22.4.2009, p. 7).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/359/KE tat-30 ta' April 2009 għall-kompletezza tad-definizzjoni tal-iskart inert fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 22(1)(f) tad-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immaniġġjar ta' skart mill-industriji tal-estrazzjoni (ĠU L 110, 1.5.2009, p. 46).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/360/KE tat-30 ta' April 2009 li tikkompleta r-rekwiżiti tekniċi għall-karatterizzazzjoni tal-iskart stabbiliti mid-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immaniġġjar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni (ĠU L 110, 1.5.2009, p. 48).

Bl-istess mod, il-Kummissjoni u l-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) żviluppaw metodi standardizzati ta' kampjunar u ta' analiżi, b'mod partikolari b'referenza għall-Artikolu 22(2) tad-Direttiva⁴.

Il-Kummissjoni adottat is-sommarju tar-*DReference Document on Best Available Techniques for the Management of Tailings and Waste-Rock in Mining Activities*⁵ (*id-Dokument ta' Referenza dwar l-Aħjar Tekniki Disponibbli għall-Immaniġġjar ta' Rmied tat-Tlissija u Skart tal-Blat fl-Attivitajiet ta' Tħaffir fil-Minjieri*) fl-2008⁶.

2. RAPPORTAR U VALUTAZZJONI

Skont l-Artikolu 18(1), l-Istati Membri huma meħtieġa jipprovdu lill-Kummissjoni b'rapport kull tliet snin, abbażi ta' kwestjonarju, dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva⁷. L-Artikolu 18(1) jeħtieġ ukoll li l-Kummissjoni tippubblika rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva abbażi tar-rapporti ppreżentati mill-Istati Membri.

Dan ir-rapport ikopri l-ewwel żewġ perjodi ta' rapportar, mill-1 ta' Mejju 2008 sat-30 ta' April 2011 u mill-1 ta' Mejju 2011 sat-30 ta' April 2014.

Skont l-Artikolu 18(2), l-Istati Membri huma meħtieġa wkoll jippreżentaw, fuq bażi annwali, informazzjoni dwar kwalunkwe avveniment irrapportat mill-operaturi li aktarx jaffettwa l-istabbiltà tal-faċilitajiet tal-iskart, u dwar kwalunkwe effett ambjentali avvers sinifikanti żvelat mill-proċeduri ta' kontroll u monitoraġġ imwettqa fil-faċilitajiet tal-iskart. Skont l-Artikolu 7(5), l-informazzjoni inkluża fil-permessi mogħtija skont id-Direttiva għandha tkun disponibbli wkoll għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u tal-istatistika tal-UE meta tintalab għal finijiet ta' statistika.

Il-valutazzjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri għall-ewwel perjodu ta' rapportar⁸ enfasizzat il-limitazzjonijiet tas-sistema ta' rapportar attwali ta' tliet snin, li tiffoka fuq l-adozzjoni mill-Istati Membri ta' miżuri li jippermettu l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva. L-informazzjoni pprovduta fir-rapporti tal-Istati Membri ma ppermettietx lill-Kummissjoni tivvaluta l-implimentazzjoni fil-prattika ta' dawn il-miżuri.

Biex tinkiseb stampa aktar kompluta, minbarra r-rapporti nazzjonali ġew ikkonsultati wkoll sorsi addizzjonali ta' informazzjoni. Dawn kienu jinkludu, b'mod partikolari, l-informazzjoni

⁴ Il-karatterizzazzjoni tal-iskart – Kampjunar u analiżi ta' ċjanur dissoċjabbli b'aċidu dgħajjef rilaxxat fl-għadajjar bi rmied tat-tlissija; Speċifikazzjoni Teknika Ewropea CEN/TS 16229:2011, 29.6.2011.

Karatterizzazzjoni tal-iskart – Test statiku għad-determinazzjoni tal-potenzjal ta' aċidu u l-potenzjal ta' newtralizzazzjoni tal-iskart sulfidiku; Standard Ewropew EN 15875:2011, 26.10.2011.

Karatterizzazzjoni tal-iskart – Dokument ta' gwida ġenerali għall-karatterizzazzjoni tal-iskart mill-industriji tal-estrazzjoni, CEN/TR 16376:2012, 24.6.2012.

⁵ http://eippcb.jrc.ec.europa.eu/reference/BREF/mmr_adopted_0109.pdf.

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni adottat is-sommarju eżekuttiv tad-dokument ta' referenza tal-Aħjar Teknika Disponibbli għall-fini tad-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immaniġġjar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE.

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/358/KE (ĠU L 110, 1.5.2009, p. 39).

⁸ Ara:

<http://ec.europa.eu/environment/waste/studies/mining/Study%20Implementation%20report%20Extractive%20Waste%20Directive.pdf>.

disponibbli għall-Kummissjoni dwar miżuri li għandhom jittieħdu wara inċidenti jew kważi inċidenti, u informazzjoni minn sorsi ġeneriċi oħrajn, bħal proġetti ta' riċerka u siti web tal-aġenziji nazzjonali.

Il-Kummissjoni użat is-servizzi ta' konsulenti indipendenti biex jgħinuha fir-reviżjoni tal-informazzjoni disponibbli⁹.

Ir-rapporti riċevuti mill-Istati Membri għaż-żewġ perjodi ta' rapportar ġew ivvalutati, l-ewwel, għall-kompletezza u, it-tieni, biex jiġi aċċertat jekk il-miżuri deskritti fir-rapporti jikkostitwixxux grupp komprensiv ta' miżuri, mingħajr ma tiġi preġudikata l-konformità ta' dawn il-miżuri mad-Direttiva jew l-implimentazzjoni effettiva tagħhom.

3. RAPPORTAR DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA FL-ISTATI MEMBRI

3.1. Faċilitajiet tal-Kategorija A: dispożizzjonijiet ewlenin

Fid-dawl tal-fatt li frazzjon biss mill-iskart tal-estrazzjoni ġġenerat fl-UE jikkostitwixxi riskju għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem, id-Direttiva tipprevedi sistema ta' obbligi differenzjati għall-immaniġġjar ta' dan l-iskart u għall-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-faċilitajiet.

Id-Direttiva tapplika obbligi aktar stretti għall-faċilitajiet fejn jeżisti riskju akbar ta' impatt fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem fl-eventwalità ta' inċident. Dawn huma magħrufa bħala faċilitajiet tal-Kategorija A. Ħdax-il Stat Membru rrapportaw li ma għandhom l-ebda faċilità tal-Kategorija A fi ħdan il-fruntieri nazzjonali tagħhom¹⁰.

Il-valutazzjoni ffukat b'mod partikolari fuq dispożizzjonijiet li japplikaw għal din il-kategorija. Il-livell ta' implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet huwa meqjus bħala indikatur adattat għall-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva b'mod ġenerali. Dawn kienu jinkludu, prinċipalment: miżuri relatati mal-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-iskart u l-prevenzjoni ta' inċidenti kbar u l-informazzjoni dwarhom, l-arranġamenti prattiċi meħuda biex tiġi żgurata t-trażmissjoni tal-informazzjoni, il-proċedura għall-identifikazzjoni ta' faċilitajiet tal-Kategorija A (inkluż kwalunkwe waħda b'effetti transfruntiera), it-tnejjija ta' pjanijiet esterni għall-immaniġġjar ta' emerġenzi u spezzjonijiet.

Il-konklużjoni ġenerali hija li fil-parti l-kbira tal-Istati Membri ġew adottati miżuri ġenerali biex tiġi implimentata d-Direttiva. B'mod partikolari, dawn jikkonsistu fi pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-iskart, il-prevenzjoni ta' inċidenti kbar u l-informazzjoni dwarhom, u miżuri prattiċi biex tiġi żgurata t-trażmissjoni ta' informazzjoni. Barra minn hekk, meta jitqabblu ż-żewġ perjodi ta' rapportar, instab li kien hemm titjib ġenerali dwar il-miżuri meħuda fir-rigward ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

B'kuntrast ma' dan, il-valutazzjoni tenfasizza wkoll il-ħtieġa li tittiejeb l-applikazzjoni Prattika ta' ċerti dispożizzjonijiet. Għaldaqstant, pereżempju, jeħtieġ li xi Stati Membri jlestu l-identifikazzjoni tal-faċilitajiet tal-Kategorija A, u japplikaw il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/337/KE. Il-livell sinifikanti ta' varjazzjoni li jidher fin-numru ta' faċilitajiet tal-Kategorija A ddeżinjati mill-Istati Membri, u d-diskrepanzi bejn in-numru ta' faċilitajiet

⁹ http://ec.europa.eu/environment/waste/studies/mining/waste_extractive_industries.pdf

¹⁰ L-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands u l-Polonja.

irrapportati u l-volumi ta' skart perikoluż ta' estrazzjoni ġġenerati¹¹ jissuġġerixxu li dan il-proċess għadu ma tlestiex (ara t-tabella annessa ma' dan ir-rapport).

Qasam ieħor li jidher li jeħtieġ li jiġi indirizzat bħala kwistjoni ta' prijorità f' bosta Stati Membri, huwa l-ħruġ ta' permessi għall-faċilitajiet kollha tal-Kategorija A. L-iżvilupp ta' pjanijiet ta' emerġenza esterna għall-faċilitajiet kollha tal-Kategorija A għad irid jitlesti: skont informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri, jidher li madwar 25 % ta' dawn il-faċilitajiet ma għandhomx pjanijiet stabbiliti.

L-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri tissuġġerixxi li d-dispożizzjonijiet relatati ma' spezzjonijiet jistgħu ma jiġux mifhuma u implimentati bl-istess mod mill-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, in-numru ta' spezzjonijiet irrapportati mill-Istati Membri jvarja b'mod konsiderevoli. Billi l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri tirrifletti Prattiki differenti, il-fatt li jitqabblu bejniethom huwa ta' valur limitat.

3.2. Dispożizzjonijiet oħra

Jidher li wħud miċ-ċifri pprovduti mill-Istati Membri għan-numru ta' faċilitajiet identifikati bħala soġġetti għad-Direttiva mhumiex plawżibbli (ara t-tabella annessa ma' dan ir-rapport). Iċ-ċifri pprovduti jvarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri u huma relattivament baxxi meta mqabbla mal-informazzjoni dwar il-ġenerazzjoni ta' skart tal-estraxxjoni fil-livell nazzjonali disponibbli minn sorsi oħrajn. L-Artikolu 2 jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, u jillimita l-possibilitajiet għal esklużjoni. Madankollu, in-numru ta' installazzjonijiet irrapportati mill-Istati Membri fir-rapporti nazzjonali tagħhom jissuġġerixxi li din id-dispożizzjoni mhux qiegħda tiġi mifhuma u applikata mill-Istati Membri kollha bl-istess mod.

- Sitt Stati Membri¹² jirrapportaw, pereżempju, li ma hemm l-ebda faċilità fit-territorju tagħhom li għaliha tapplika d-Direttiva. Madankollu, sorsi oħrajn ta' informazzjoni jissuġġerixxu li wħud minn dawn il-pajjiżi jospitaw attivitajiet ta' estraxxjoni li jiġġeneraw l-iskart, inkluż f'ċerti każijiet skart perikoluż.
- Bl-istess mod, in-numru baxx ħafna ta' faċilitajiet li jittrattaw l-iskart inert irrapportat minn uħud mill-Istati Membri jikkuntra ta' ċ-ċifri pprovduti minn oħrajn (Franza, pereżempju, tirrapporta li għandha 4 100 faċilità u l-Ungerija ssostni li għandha 604 faċilitajiet, iżda pajjiżi oħrajn jipprovdu ċifri ħafna iktar baxxi).

Il-permessi maħruġa skont din id-Direttiva jistgħu jiġu kkombinati ma' dawk meħtieġa minn leġislazzjoni oħra tal-UE (pereżempju d-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³ (id-Direttiva Sevesa)) biex tiġi evitata d-duplikazzjoni żejda ta' informazzjoni u r-ripetizzjoni tax-xogħol. Jidher li numru żgħir biss ta' faċilitajiet koperti minn din id-Direttiva ġew irrapportati bħala faċilitajiet ta' skart tal-estraxxjoni.

L-Artikolu 17(1) jistabbilixxi l-obbligi dwar l-ispezzjonijiet. L-Istati Membri huma meħtieġa jiżguraw li l-faċilitajiet tal-iskart koperti minn permess mogħti skont din id-Direttiva jiġu spezzjonati qabel il-bidu ta' operazzjonijiet ta' depożitu u f'intervalli regolari minn hemm 'il

¹¹ Il-livell ta' periklu tal-iskart immaniġġjat f'faċilità jikkostitwixxi kriterju wieħed biex jiġi kklassifikat bħala skart li jappartjeni għall-Kategorija A (ara t-tabella fl-aħħar ta' dan ir-rapport).

¹² Id-Danimarka, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta u n-Netherlands.

¹³ Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 95/82/KE (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1).

quddiem, inkluż fil-fażi ta' wara l-għeluq, biex tiġi żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet rilevanti tal-permessi. Id-Direttiva ma tiddefinixxi b'mod espliċitu l-kunċett ta' spezzjoni u lanqas ma tistabbilixxi fid-dettall kif għandha titwettaq spezzjoni. Madankollu, l-Artikolu 22 jeħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa u tadotta linji gwida tekniċi għall-ispezzjonijiet.

Il-varjazzjoni kbira li nstabet fir-rigward tal-miżuri adottati dwar l-ispezzjonijiet – b'mod partikolari, l-arranġamenti għall-ispezzjonijiet, in-natura tagħhom, l-awtoritajiet responsabbli, u l-frekwenza tagħhom – u n-numru ta' spezzjonijiet imwettqa waqt it-tieni perjodu ta' rapportar, tissuġġerixxi l-possibbiltà li l-Istati Membri mhux dejjem interpretaw id-dispożizzjonijiet dwar l-ispezzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva bl-istess mod.

Seba' pajjiżi biss¹⁴ irrapportaw li kien hemm każijiet ta' nuqqas ta' konformità fil-livell nazzjonali¹⁵ waqt it-tieni perjodu ta' rapportar. In-nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-permessi u l-faċilitajiet li joperaw mingħajr permess kienu fost it-tipi ewlenin ta' nuqqas ta' konformità rrapportati.

Id-Direttiva tippermetti li d-dispożizzjonijiet jiġu adattati jew irrifjutati għal ċertu faċilitajiet, skont in-natura tal-iskart. Il-listi nazzjonali ta' skart inert, b'mod konsistenti mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/359/KE, jippermettu li ssir differenzjazzjoni għal dawn it-tipi ta' skart. Tmien Stati Membri biss ħadu vantaġġ minn din l-opzjoni¹⁶.

Għaldaqstant il-konklużjonijiet li għandhom jinsiltu fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet l-oħrajn (dawk applikabbli għall-faċilitajiet kollha) stabbiliti fid-Direttiva huma l-istess bħal dawk li nsiltu fir-rigward tal-faċilitajiet tal-Kategorija A: filwaqt li l-parti l-kbira tal-Istati Membri stabbilixxew qafas ġenerali, għad hemm numru ta' kwistjonijiet li jridu jiġu indirizzati.

Id-differenzi bejn l-Istati Membri juru li huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jifhmu u japplikaw il-kunċetti bażiċi tad-Direttiva b'mod simili, sabiex tiġi ggarantita l-effettività tad-dispożizzjonijiet fl-UE.

4. RAPPORTAR RELATAT MAS-SIGURTÀ

Skont l-informazzjoni miksuba mill-Kummissjoni, kien hemm total ta' ħames inċidenti, f'żewġ pajjiżi, waqt iż-żewġ perjodi koperti minn dan ir-rapport.

Madankollu ma ġiet ippreżentata l-ebda notifika formali ta' dawn l-inċidenti lill-Kummissjoni, kif meħtieġ skont l-Artikolu 18(2) tad-Direttiva. L-informazzjoni nkisbet minn sorsi oħrajn.

L-Istati Membri ntalbu wkoll jikkonfermaw in-nuqqas ta' inċidenti waqt iż-żewġ perjodi ta' rapportar. Il-parti l-kbira tal-Istati Membri kkonfermaw li ma seħħ l-ebda inċident. Tinħtieġ informazzjoni aktar dettaljata sabiex jiġi vvalutat jekk intlaħqux l-oġettivi stabbiliti fid-Direttiva dwar it-tnaqqis tar-riskju ta' inċidenti.

¹⁴ Il-Bulgarija, l-Estonja, il-Finlandja, il-Greċja, il-Polonja, ir-Rumanija u r-Renju Unit.

¹⁵ Total ta' 54 każ irreġistrat, iżda mhux l-Istati Membri kollha kkonċernati jirrapportaw in-numru ta' każijiet.

¹⁶ Ir-Repubblika Ċeka, il-Finlandja, Franza, il-Litwanja, il-Portugall, is-Slovakkja, Spanja u r-Renju Unit.

5. KWISTJONIJIET ĠENERALI DWAR IR-RAPPORTAR U L-GĦOTI TA' INFORMAZZJONI

Il-kwalità tal-informazzjoni ppreżentata mill-Istati Membri hija varjabbli. L-Istati Membri kollha ppreżentaw rapporti nazzjonali, kif meħtiegħ mill-Artikolu 18. Ħafna minnhom ipprovdew informazzjoni ddettaljata ħafna, kompluta u aġġornata, u l-livell ta' kompletezza huwa tal-inqas aċċettabbli għall-Istati Membri kollha.

Id-disparità fl-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, u l-possibbiltà li xi dispożizzjonijiet setgħu ġew interpretati ħażin joħlqu inċertezza dwar il-komparabbiltà tal-informazzjoni pprovduta, u jagħmluha diffiċli ħafna li tiġi vvalutata l-prestazzjoni tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-Direttiva.

B'mod ġenerali, l-esperjenza tal-Kummissjoni fit-tnejn ta' dan ir-rapport ikkonfermat li l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri skont l-Artikolu 18 mhijiex biżżejjed biex tagħti stampa ċara, iddettaljata biżżejjed u affidabbli tal-implimentazzjoni tad-Direttiva fil-prattika. Ir-rekwiżiti tar-rapportar stabbiliti f'dan l-Artikolu jiffukaw fuq l-adozzjoni ta' miżuri, filwaqt li ma jagħmlu l-ebda referenza espliċita għall-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni fil-prattika ta' dawn il-miżuri.

Anke bl-użu ta' sorsi oħrajn, il-Kummissjoni setgħet tikseb biss informazzjoni limitata biex tissupplimenta jew tikkonferma l-informazzjoni ppreżentata mill-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward ta' aspetti legali u amministrattivi (inklużi inċidenti). L-informazzjoni disponibbli tiffoka fuq kwistjonijiet tekniċi u xjentifiċi iżda, pereżempju, ma jeżisti l-ebda direttorju pubbliku ta' faċilitajiet ta' skart tal-estrazzjoni.

6. KONKLUŻJONIJIET U L-PASSI LI JMISS

Abbażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, jista' jiġi konkluż li l-parti l-kbira tal-Istati Membri adottaw il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva. Madankollu, il-valutazzjoni żvelat ukoll li numru ta' kwistjonijiet għad iridu jiġu indirizzati, sabiex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tad-Direttiva twassal għal-livell mixtieq ta' protezzjoni.

Ir-rapporti tal-Istati Membri jissuġġerixxu li diversi dispożizzjonijiet importanti, bħal dawk dwar l-identifikazzjoni ta' faċilitajiet tal-iskart jew tal-ġhoti ta' permessi u spezzjonijiet, mhumiex qed jiġu mifhuma u implimentati bl-istess mod mill-Istati Membri. Sabiex l-implimentazzjoni tad-Direttiva tkun aktar konsistenti, il-Kummissjoni qiegħda tippjana li:

- toħroġ gwida ġenerali dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva; u
- tiżviluppa linji gwida għall-ispezzjonijiet skont l-Artikolu 22(1)(c).

Il-Kummissjoni se tikkunsidra wkoll modi kif ittejjeb ir-rapportar tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni, inkluż dwar l-inċidenti, it-tixrid aktar wiesgħa tar-riżultati tal-valutazzjoni tagħha tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, u l-promozzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni dwar attivitajiet ta' estrazzjoni, inklużi l-aħjar Prattiki.

Pereżempju, tista' tintuża proċedura differenti għall-ġbir ta' informazzjoni, skont l-Artikolu 7(5). Il-ġbir ta' informazzjoni ulterjuri dwar l-implimentazzjoni fil-prattika tad-Direttiva jgħin fiż-xogħol tal-Kummissjoni bil-għan li:

- tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tad-Direttiva u l-konformità magħha, b'mod partikolari billi jiġu identifikati b'mod aktar effettiv il-lakuni fl-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva u jitfasslu miżuri possibbli biex jiġu indirizzati;
- jiġu identifikati l-aħjar Prattiki dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva; kif ukoll
- jiġu esplorati modi ġodda biex jiġi mmaniġġjat ir-rapportar u jiġu ssimplifikati l-proċessi, u biex jiġu previsti, jekk ikun meħtieġ, dispożizzjonijiet emendatorji fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/358/KE dwar it-trażmissjoni ta' informazzjoni, f'konformità mal-obiettivi tal-Kontroll tal-Idoneità fuq il-Monitoraġġ u r-Rapportar Ambjentali¹⁷.

Biex timplimenta l-impenn tagħha fil-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari, il-Kummissjoni qiegħda taħdem fuq it-tnejn ta' gwida u l-promozzjoni tal-aħjar Prattiki fil-pjanijiet tal-immaniġġjar tal-iskart mit-tħaffir fil-minjieri.¹⁸

Il-Kummissjoni se tkompli tiġbor ukoll informazzjoni li tippermetti aġġornamenti futuri dwar aspetti rilevanti tad-Direttiva biex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, b'enfasi partikolari fuq aspetti bħall-immaniġġjar tal-iskart perikoluż, is-sigurtà tad-digi u l-għadajjar u l-prevenzjoni tat-tniġġis.

¹⁷ SWD(2016) 188 final, Dokument ta' Hidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Towards a Fitness Check of EU environmental monitoring and reporting: to ensure effective monitoring, more transparency and focused reporting of EU environment policy" (mhux disponibbli bil-Malti).

¹⁸ COM(2015) 614 final, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "L-għeluq taċ-ċirku - Pjan ta' azzjoni tal-UE għal ekonomija ċirkolari".

Dejta tal-Istati Membri

	Skart totali 2012 ⁱ	Skart totali mill-attivajiet tal-qtugħ mill-barrieri u tat-tħaffir fil-minjieri 2012 ⁱⁱ	Skart minerali u solidifikat minn attivajiet tal-qtugħ mill-barrieri u tat-tħaffir fil-minjieri ⁱⁱⁱ	Skart minerali u solidifikat perikoluż minn attivajiet tal-qtugħ mill-barrieri u tat-tħaffir fil-minjieri ^{iv}	% ta' skart perikoluż mit-total ta' skart minerali u solidifikat minn attivajiet tal-qtugħ mill-barrieri u tat-tħaffir fil-minjieri	Faċilitajiet irrapportati fl-operat ^v	Faċilitajiet tal-Kategorija A fl-operat ^{vi}	Kompletezza (rapportar) ^{vii}	Numru ta' spezzjonijiet (total) ^{viii}	Numru ta' spezzjonijiet (Kategorija A) ^{ix}
L-Unjoni Ewropea (28)	2.514.220.000	733.980.000	731.950.000	13.460.000	1.84					
Il-Belġju	67.630.317	115.137	30.245	9	0.03	3	0	◇	mhux provdut ^x	
Il-Bulgarija	161.252.166	141.082.596	141.061.523	13.266.720	9.40	mhux provdut	2	◇	mhux provdut	mhux provdut
Ir-Repubblika Ċeka	23.171.358	167.422	88.585	1.359	1.53	7	0	◇	0	
Id-Danimarka	16.332.249	18.005	5.704	45	0.79	0	0	✓	0	
Il-Ġermanja	368.022.172	8.625.187	8.488.645	7.705	0.09	27	2	✓	1073	46
L-Estonja	21.992.343	9.354.964	9.346.454	5	0.00	4	0	✓	53	
L-Irlanda	13.421.334	2.024.984	1.984.284	508	0.03	22	2	◇	154	49
Il-Greċja	72.328.280	47.831.627	47.822.445	90	0.00	2343	1	◇	mhux provdut	mhux provdut
Spanja	118.561.669	22.509.144	22.495.556	368	0.00	1558	25	◇	mhux provdut	mhux provdut
Franza	344.731.922	2.477.408	2.196.522	1.644	0.07	4152	1	✓	3401	1
Il-Kroazja	3.378.638	5.034	2.729	257	9.42	mhux provdut	mhux provdut	✓	mhux provdut	mhux provdut
L-Italja	162.764.632	719.666	345.842	1.990	0.58	213	126	◇	349	mhux provdut
Ċipru	2.086.469	217.888	217.311	0	0.00	13	1	◇	13	1
Il-Latvja	2.309.581	1.968	1.478	0	0.00	0	0	✓		

	Skart totali 2012 ⁱ	Skart totali mill-attivitajiet tal-qtugħ mill-barrieri u tat-tħaffir fil-minjieri 2012 ⁱⁱ	Skart minerali u solidifikat minn attivitajiet tal-qtugħ mill-barrieri u tat-tħaffir fil-minjieri ⁱⁱⁱ	Skart minerali u solidifikat perikoluż minn attivitajiet tal-qtugħ mill-barrieri u tat-tħaffir fil-minjieri ^{iv}	% ta' skart perikoluż mit-total ta' skart minerali u solidifikat minn attivitajiet tal-qtugħ mill-barrieri u tat-tħaffir fil-minjieri	Faċilitajiet irrapportati fl-operat ^v	Faċilitajiet tal-Kategorija A fl-operat ^{vi}	Kompletezza (rapportar) ^{vii}	Numru ta' spezzjonijiet (total) ^{viii}	Numru ta' spezzjonijiet (Kategorija A) ^{ix}
Il-Litwanja	5.678.751	25.911	7.171	25	0.35	0	0	✓		
Il-Lussemburgu	8.397.228	131.314	121.034	0	0.00	0	0	✓		
L-Ungerija	16.310.151	91.218	81.827	30.852	37.70	862	6	✓	932	115
Malta	1.452.496	45.103	45.103	0	0.00	0	0	✓		
In-Netherlands	123.612.767	179.164	139.670	3.280	2.35	0	0	✓		
L-Awstrija	34.047.465	51.339	34.687	7.830	22.57	33	0	✓	60	
Il-Polonja	163.377.949	68.035.432	67.599.891	1.301	0.00	99	0	✓	116	
Il-Portugall	14.184.456	242.598	227.253	5	0.00	8	3	◊	18	28
Ir-Rumanija	266.975.602	223.292.741	223.173.154	125.458	0.06	74	2	✓	743	
Is-Slovenja	4.546.506	14.448	10.936	0	0.00	mhux provdut	mhux provdut	✓	0	0
Is-Slovakkja	8.425.384	310.580	299.913	203	0.07	119	3	✓	102	15
Il-Finlandja	91.824.193	52.880.000	52.880.000	0	0.00	90	9	✓	166	41
L-lżvezja	156.306.504	129.480.919	129.455.408	162	0.00	22	15	◊	75	
Ir-Renju Unit	241.100.639	24.043.977	23.787.471	8.233	0.03	601	4	✓	43	4

ⁱ Meħuda minn env_wasgen, EUROSTAT: skart iġġenerat mill-attivitajiet kollha ta' NACE u mid-djar.



ⁱⁱ Meħuda minn env_wasgen, EUROSTAT: skart iġġenerat minn attivitajiet tal-qtugħ mill-barrieri u tat-tħaffir fil-minjieri.

ⁱⁱⁱ Meħuda minn env_wasgen, EUROSTAT: skart minerali u solidifikat iġġenerat minn attivitajiet tal-qtugħ mill-barrieri u tat-tħaffir fil-minjieri.

^{iv} Meħuda minn env_wasgen, EUROSTAT: skart minerali u solidifikat perikoluż iġġenerat minn attivitajiet tal-qtugħ mill-barrieri u tat-tħaffir fil-minjieri.

^v Dejta għat-tieni perjodu, kif irrapportata mill-Istati Membri.

^{vi} Dejta għat-tieni perjodu, kif irrapportata mill-Istati Membri.

^{vii}  informazzjoni kompluta disponibbli;  informazzjoni pprovduta, iżda jidher li mhijiex kompluta jew mhijiex ċara.

^{viii} Dejta għat-tieni perjodu, kif irrapportata mill-Istati Membri.

^{ix} Dejta għat-tieni perjodu, kif irrapportata mill-Istati Membri.

^x mp: mhux provdut.